

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 30/2011

tal-1 ta' April 2011

li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) u l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Artikolu 2

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

L-inċiż li ġej għandu jidher mal-punt 54zzy (ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu XII tal-Anness II tal-Ftehim:

Billi:

“— **32010 R 0765**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 765/2010 tal-25 ta' Awwissu 2010 (ĠU L 226, 28.8.2010, p. 1).”

- (1) L-Anness I mal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 116/2010 tal-10 ta' Ottubru 2010 <sup>(1)</sup>.
- (2) L-Anness II mal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 100/2010 tal-1 ta' Ottubru 2010 <sup>(2)</sup>.
- (3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 765/2010 tal-25 ta' Awwissu 2010 li jemenda l-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwu għal chlorothalonil clothianidin, difenoconazole, fenhexamid, flubendiamide, nikotina, spirotetramat, thiacloprid u thiamethoxam f'ċerti prodotti jew fuqhom <sup>(3)</sup> għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.
- (4) Din id-Deċiżjoni ma għandhiex tapplika għal-Liechtenstein,

Artikolu 3

It-testi tar-Regolament (UE) Nru 765/2010, li għandhom jiġu ppubblikati fl-ilsien Islandiż u f'dak Norveġiż, fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-1 ta' Mejju 2011, sakemm in-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (\*).

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' miegħu.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej għandu jidher fil-punt 40 (ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu II tal-Anness I mal-Ftehim:

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' April 2011.

“— **32010 R 0765**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 765/2010 tal-25 ta' Awwissu 2010 (ĠU L 226, 28.8.2010, p. 1).”

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

L-Aġent President

Gianluca GRIPPA

<sup>(1)</sup> ĠU L 58, 3.3.2011, p. 73.

<sup>(2)</sup> ĠU L 332, 16.12.2010, p. 50.

<sup>(3)</sup> ĠU L 226, 28.8.2010, p. 1.

(\*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.